VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,960, 13 ta' Marzu, 2018
Taqsima B

A.L. 79 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Educational Leadership and Management – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Educational Leadership and Management – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Educational Leadership and Management – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 473 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn żewġ partijiet, jiġifieri:

(a) L-Ewwel Parti li tikkkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS; u

(b) It-Tieni Parti li tikkkonsisti minn xogħol ta' riċerka u l-kitba ta' dissertazzjoni li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS:

sakemm li, jekk approvat mill-Bord, l-istudenti jistgħu jitħallew li minflok id-dissertazzjoni jagħmlu proġett relatat mal- prattika professjonali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux b'suċċess it-Tieni Parti tal-Kors, ikunu eliġibbli għal għoti tal-Postgraduate Diploma."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (4) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) L-istudenti għandhom jitħallew jipproċedu għat-Tieni Parti tal-Kors jekk jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 65%."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Id-Dissertazzjoni/Il-Proġett**

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma, jew proġett relatat mal-prattika professjonali, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jew il-proġett għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni jew it-tema tal-proġett u l-proposta ta' riċerka għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sat-tmiem tat-tieni semestru."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni jew il-proġett; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu."